MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 296/2004

**SMS Insurance Agency Limited bhala agenzija, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Grima**

**vs**

**Larson Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tlieta u tmenin Lira Maltin (LM2,683.00,0), jew somma ohra verjuri likwidata minn din il-Qorti rapprezentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici fuq polza ta'**

**assikurazzjoni wara l-incident stradali li sehh nhar l-14 ta' Ottubru tas-sena 2003 f'Hal Tarxien, Malta, meta huwa kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBD – 672 u habat ma' vettur bin-numru ta' registrazzjoni DNL – 777 proprjeta' ta' l-assikurat ta' l-attrici Joseph Grima, prevja d-dikjarazzjoni li huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident skond il-ligi;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 2 ta' Dicembru tas-sena 2003, ta' l-ittra ufficcjali datata 5 ta' Frar tas-sena 2004 u ta' l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ghall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut Larson Pace ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-14 ta' Gunju tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici SMS Insurance Agency Limited bl-ispejjez kontra l-konvenut Larson Pace.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------